Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 29/2016

**Victor Cilia**

**Vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

26 ta' Jannar, 2018.

1. B'decizjoni tat-18 ta' Novembru, 2016 it-Tribunal tal-Arbitragg cahad l-appell ta' Victor Cilia li appella minn decizjoni tal-intimat li biha waqqaflu l-Ghajnuna Medika li kien qieghed jircievi sat-12 ta' Gunju, 2015. B'avviz tal-21 ta' Awissu, 2015 -intimat gharraf lil Cilia:

   *"m'intix/m'ghadekx aktar intitolat/a ghal din l-Ghajnuna ghaliex ID-DIRETTUR MHUX SODISFATT LI L-KAPITAL MA JECCEDIX L-EURO14,000".*

2. Fid-decizjoni t-Tribunal tal-Arbitragg qal:

   *"1. Fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2016, l-Appellant xehed illi Ian Stivala kien selfu €14,000 u dan permezz ta' sefl ta' €4,000 u self ulterjuri ta' €10,000. Madankollu l-affidavit ta' Stivala jindika biss €10,000.*
   *2.L-Appellant ighid illi l-hlas lura lil Stivala sar in kwantu ghal €10,000 fi flus kontanti u in kwantu ghal €3,000 permezz ta' cekk.*
   *3. Illi statements bankarji tal-Bank of Valletta plc juru withdrawal ta' €4,000 a favur Ian Stivala u withdrawal ta' €3,000 a favur Paul Cilia. Dawn jikkontrastaw ma' dak iddikjarat fl-affidavit tal-istess Cilia u Stivala kemm fl-ammont u kemm fid-data tal-hlas ghaliex huma jghidu illi rcevew hlas fil-5 ta' Jannar 2015.*
   *4. Illi piu l-Appellant xehed taht gurament illi Stivala u Cilia thallsu minn withdrawal ta' €22,000 li sar fil-5 ta' Jannar 2015 liema data tikkoncida ma' dik tal-Affidavit. Pero' l-Arbitru staqsa il-ghaliex €20,000 thallsu cash filwaqt li ammont izghar thallsu mill-bank, ma nghatax risposta. Lanqas ma nghatat risposta il-ghaliex l-ammonti thallsu in parti fl-24 ta' Dicembru u in parti fil-5 ta' Jannar.*
   *5. Ma hemm l-ebda dokument illi juri s-self ta' ammont daqshekk sostanzjali.*
   *6. Ma hemm l-ebda dokument illi jikkostitwixxi ricevuta fid-data tal-hlas ghajr affidavit iffirmat oltre sena wara li sar l-allegat hlas ghas-saldu. Jigi sottolineat illi l-Affidavit sar biss wara d-decizjoni tad-Direttur.*

*Illi a bazi tal-provi kollha ezebiti u prodotti waqt il-kaz, jirrizulta illi l-Appellant kellu mezzi li jeccedu s-somma ta' €23,300 fil-granet illi ttiehdet id-decizjoni tad-Direttur. Hekk ukoll, l-Arbitru jikkunsidra l-verzjoni Appellanti bhala wahda konfuza u inkonsistenti".*

3. B'rikors prezentat fil-15 ta' Dicembru 2016 Victor Cilia appella minn decizjoni li nghatat mit-Tribunal tal-Arbitragg taht l-Att dwar is-Sigurta Socjali (Kap. 318). L-aggravju gie spjegat b'dan il-mod:

   *"1. Jidher car illi l-appellant kellu s-somma ta' euors 48,725 bilanc favur tieghu mill-bejgh tad-dar u dan wara li xtara post iehor.*
   *2.Illi jidher car ukoll illi d-Dipartiment accetta diversi ircevuti li l-esponenti nefaq fil-fond li xtara fl-ammont ta' euros 25,049.04 u l-bilanc li kien fadallu f'idejh l-esponenti skont id-Dipartiment kien ta euros 23,675.96.*
   *3. Illi jidher ukoll illi d-dizgwid inqala' ghax id-Dipartiment ma accettax l-affidavits ta' Paul Cilia u Ian Joseph Stivala fejn iddikjaraw bil-gurament li thallsu lura s-somma ta' ghoxrin elf euros (20,000) bejniethom. Dan qieghed jinghad ghax id-Dipartiment ma ra ebda skrittura tas-self originali u l-affidavit gie sottomess wara d-decizjoni tad-Direttur.*
   *4. Illi kemm id-Direttur kif ukoll l-Arbitru dahlu f'argumenti ghaliex l-affidavits ma gewx accettati. Haga ta' skantament huwa l-fatt li kemm Stivala u Cilia ma tressqux in kontro-ezami sabiex wiehed jevalwa l-veracita tad-dikjarazzjoni guramentati taghhom u bbazaw il-konkluzjoni taghhom biss fuq allegazzjonijiet li lanqas ma gew ippruvati".*

4. Fl-24 ta' Jannar, 2017 l-appellat ipprezenta twegiba fejn ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

5. Fis-seduta tal-20 ta' Novembru, 2017 id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhom x'izidu ma' dak li hemm fl-atti u l-appell gie differit ghas-sentenza.

6. Il-fatti tal-kaz diga' jinsabu fid-decizjoni tat-Tribunal tal-Arbitragg (ara paragrafu 2 tad-decizjoni), u ghalhekk m'hemmx skop li jigu riprodotti f'din is-sentenza.

7. Hu minnu li:

   i. L-appellant xehed b'affidavit li f'Settembru 2014 kien issellef minghand huh Paul Cilia s-somma ta' €10,000, filwaqt li bejn is-snin 2010 u 2014 issellef minghand Ian Joseph Stivala somma ohra ta' €10,000. Zied li s-self kollu thallas fil-5 ta' Jannar, 2015.
   ii. Paul Cilia xehed b'affidavit li f'Settembru, 2014 sellef lill-appellant is-somma ta' €10,000 u thallas lura fil-5 ta' Jannar, 2015.

iii. Ian-Joseph Stivala xehed b'affidavit li bejn is-snin 2010 u 2014 sellef lill-appellant is-somma ta' €10,000 u thallas lura fil-5 ta' Jannar, 2015.

8. Bir-ragunament tal-appellant jidher li qieghed jippretendi li t-Tribunal kellu jistrieh fuq dak li xehedu Paul Cilia u Ian-Joseph Stivala filwaqt li jiskarta kull konsiderazzjoni. Dan m'huwiex korrett. It-Tribunal tal-Arbitragg kellu d-dmir li jqies il-provi kollha. Il-fatt li ma jsirx kontro-ezami ma jfissirx li min irid jiggudika ghandu jaghlaq ghajnejh u jaccetta bhala l-verita dak kollu li gie dikjarat f'affidavit ta' erba' linji, filwaqt li jiskarta kull prova ohra li tista' tkun rilevanti. Gustament it-Tribunal ikkunsidra kemm kienet kredibbli l-verzjoni li taw l-imsemmija xhieda, u wasal ghal konkluzjoni tieghu.

9. L-osservazzjonijiet li ghamel it-Tribunal tal-Arbitragg huma kollha rilevanti. L-appellant ma ressaq l-ebda argument validu li jista' jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li r-ragunament tat-Tribunal hu ghal kollox zbaljat. Il-qorti zzid:-

- M'hemmx provi li l-appellant qatt gharraf lid-Dipartiment, qabel ma nqalghet il-kwistjoni, li kellu dejn ta' €20,000 ma' Paul Cilia u Ian Stivala. Kien fl-interess tieghu li jaghmel hekk biex id-Dipartiment ikun infurmat minn qabel x'ser jaghmel bil-flus.
- Fl-ittra datata 29 ta' Awissu, 2015 li biha l-appellant ippropona l-appell mid-decizjoni tal-appellat, l-appellant ma semmiex li kellu dejn ta' €20,000 li thallas fil-bidu tas-sena. Pjuttost jaghti x'jifhem li l-flus li kellu uzahom biex ihallas l-ispejjez relatati mal-fond il-gdid li xtara f'Jannar 2015. Ricevuti li qal li ta kopja taghhom lid-Dipartiment.
- Mill-atti jirrizulta li fit-23 ta' Dicembru, 2014, l-appellant kien iddepozita s-somma ta' €113,000 fil-kont li kellu mal-Bank of Valletta. F'dak l-istadju wkoll l-appellant kellu d-dmir li jikkomunika mad-Dipartiment u jgharrafhom bl-izvilupp.

**Ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant**.

Anthony Ellul.